MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2009

Numru. 406/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Versus**

**Khalifa Iswesi K Shawish**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet deotti kontra Khalifa Iswesi K Shawish ta’ 30 sena, iben Iswesi u Misaqua Omar el Hallek, imwieled Tripoli fl-20 ta’ Lulju 1977 u residenti San Ġwann, detentur tal-passaport Libjan numru 237535 W

Akkużat talli fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 t’Ottubru 2008 u matul it-tliet ġimgħat ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gżejjer:

1. biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. ikkommetta l-imsemmija reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabba jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ skond (il-proviso) taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-KAp 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-25 t'Ottubru, 2008, l-istqarrija tal-imputat (fol.8), il-fedina penali tal-imputat (fol.9), il-kopja tal-passaport tiegħu (fol 10 et), il-passaport tal-imputat (fol.19), il-proċess verbal 'Stqarrija bil-ġurament ta' Khalifa Shawish' redatt mill-Maġistrat Dr.Doreen Clarke, Dok AP, ir- relazzjoni tal-Perit Tekniku Alexei Pace maħtur biex ikejjel id-distanza a fol.25, u r-relazzjoni tax-xjentist is-Sur Godwin Sammut (Dok GS a fol 61) u l-ħatra tiegħu a fol 25 il-kopja ta' proċes verbal li kien jinsab fil-proċess 'Il-Pulizija versus Mohammed Suleiman Abubaker' (Dok NF 1)

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Il-Fatti**

5. Fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Ottubru 2008, il-Pulizija nnutat ġuvni ta' nazzjonalita' Spanjola- Aleo Aguila de SAntobal - fl-inħawi tal-Burger King ġewwa Paceville li deher jagħmel kuntatt mal-imputat. (Fol.31). L-imputat deher jitkellem ma' Mohammed Suleiman Abubaker. L-Ispanjol deher jimxi wara Mohammed Suleiman Abubaker. Dan tal-aħħar daħal fi Sqaq ftit 'il fuq mill-Burger King u dan ta xi ħaġa lill-Ispanjol. It-tlieta kienu arrestati. F'idejn l-Ispanjol instabet biċċa sustanza kannella allegata raża tal-cannabis. F'idejn Mohamme Suleiman Abubaker instabu żeq biċċiet simili għal dak li kellu l-Ispanjol. Ma nstabet l-ebda droga għand l-imputat. (fol 32) iżda l-imputat kien qal lil-Ispanjol biex jimxi wara Mohammed Suleiman Abubaker.

6. Mill-istqarrija tal-imputat jirriżulta li l-imputat ma jiħux drogi. (Fol.8) L-Ispanjol kien mar fuqu u staqsieh għal ħaxixa. Dan ma kienx l-uniku bniedem li talbu dwar dan għaliex meta jkun Paceville dejjem imorru n-nies isaqsuh għal ħaxixa. Meta jdejquh jgħidlhom biex imorru għand Abubaker li hu jaf li jbiegħ id-droga. L-ewwel darba li mar l-Ispanjol fuqu, huwa baħgtu 'l hemm. It-tieni darba qallu biex jitlaq u fl-aħħar qallu biex imur għand iswed (Abubaker) u ppunta lejh b'subgħajh. Huwa kien ra lil Abubaker jagħti l-ħaxixa lil wieħed Olandiż. L-imputat qal ukoll li hu jaħdem il-Libja u m'għandux bżonn flus u lil Abubaker kien qallu biex ma jersaqx lejh għax in-nies kienu xebbgħuh jistaqsu għad-droga. Din l-istqarrija kient ikkonfermata mill-imputat quddiem il-Maġistrat Dr.Doreen Clarke.

7. Xehed Alejo Aguila de Sandoval. Dan qal li l-imputat ma kienx il-bniedem lit ah id-droga iża kien il-persuna li huwa kellem fuq it-taraġ tal-Burger King u li qaltlu li kienet taf persuna li kellha d-droga. L-imputat kien qallu biex jistenna quddiem il-Burger King u wara ra persuna, sejħilha u din il-persuna resqet ma' ġenbna. L-imputat sejjaħlu u x-xhud mar ma' ġenbu u ġenb Abubaker. L-imputat telaq u baqgħu x-xhud u Abubaker jitkellmu. Dan tal-aħħar qallu biex imur jistennieh ħdejn il-aprking area tat-taxi , talbu 40 Ewro u tah il-ħaxixa. L-imputat fil-fatt kien għamillu sinjal sabiex ix-xhud jersaq lejn l-imputat u

x-xhud hekk għamel. (Fol 22 u 23). Ix-xhud ċaħad li kien hu li resaq lejn l-imputat. (Fol.23).Ix-xhud għaraf lill-imputat fl-Awla.

8. Ix-xhud Alejo Aguila de Sandoval għamel stqarrija lill-Pulizija li kienet ikkonfermata quddiem il-Maġistrat Dottor Doreen Clarke. Minn din l-istqarrija joħroġ dan il-kliem:

***‘Kont fit-taraġ tal-Burger King ġo Paceville. Kien hemm ġuvni ta’ kulur iswed, irqiq ħafna, xagħru skura, liebes flokk abjad, li qalli jekk ridtx ħaxixa. Jien għidltlu li ridt iżda dan qalli li ma kellux u qalli li ħabib tiegħu kellu. Wara ftit ra lill-ħabib tiegħu għaddej. Dan tal-flokk abajd telaq jiġri għal ħdejh, intefgħu wara l-karozza tal-Pulizija jitkellmu u dan tal-abjad għajjatli biex immur ħdejhom. Meta jien wasalt ħdejhom dan tal-abjad reġa’ mar bilqegħda fejn it-taraġ tal-Burger King u l-ieħor staqsieni x’ridt.’***

9. Xehed PS 1086 Johann Micallef xehed li l-imputat kien liebes flokk abjad. Huwa ra li diversi żgħażagħ kienu qed imorru kemm fuq l-imputat kif ukoll fuq Suleiman Abubaker. L-ewwel kienu jmorru fuq l-imputat, imbagħad imorru fuq Suleiman Abubaker. Ix-xhud ra lill-Ispanjol jitkellem mal-imputat. L-imputat għamel ġest u pponta lejn Triq Elia Zammit fejn ikunu pparkjati t-taxis. L-istess persuna li kelmet lill-imputat daħlet ma’ Abubaker. Dan tal-aħħar għadda xi ħaġa lill-Ispanjol li twaqqaf mill-Pulizija u nstabet fuqu biċċa raża suspettata tar-raża tal-cannabis. Instabet ukoll biċċa raża suspettata fil-ġekketta ta’ Abubaker. Iż-żgħażagħ, li ta; lanqas, kienu jmorru fid-direzzjoni li kien jindikalhom l-imputat

10. Xehed ukoll Nicolai Borg li qal li l-Ispanjol kien indikalu lill-imputat bħala l-bniedem li kien għamel kuntatt miegħu.dwar id-droga. (Fol.43).

11. WPC 127 Carmen Gauci xehdet li kienu arrestaw lill-imputat wara li raw il-movimenti kollha li għamel Abubaker Suleiman. L-Ispanjol kien qalilhom li kien l-imputat li offrielu r-raża. (Ara fol.45).

12. PC 773 Ryan Taliana xehed li kienu sabu roach fil-kamra tal-imputat Khalifa Ishwesi Shawash. (fol.47). Dan kien ikkonfermat ukoll minn PC 1372 Alan Cutajar a fol 54.

13. Il-Perit Alexei Pace kkonstata li l-post fejn seħħew il-fatti jinstabu ġewwa d-distanza ta' mitt metru min fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

14. L-analista Godwin Sammut ikkonferam li r-roach li għalih saret referenza fil-paragrafu 12 kien fih –ssustanza THC li tiġi mill-pjanta tal-cannabis.

15. Xehed ukoll Mohammed Suleiman Abubaker li kkonferma it-tieni stqarrija magħmula quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fid-29 ta' Novembru 2008 fejn jinsab dan il-kliem:

***'M: Lill-ġuvni Spanjol allura, min qallu li int kellek ir-raża tal-cannabis għall-bejgħ?***

***T:*** Ngħid ***li kien Khalifa Iswesi Shawish li qal lill-Ispanjol biex jiġi għandi jekk ried jixtri r-raża tal-cannabis.***

***M: Kif kien jaf Khalifa li int kellek ir-raża tal-cannabis għallpbejgħ?***

***T: Għax ngħid li xi ħin qabel meta ġie fuqi s-Sudaniż l-ieħor li semmejt fl-Istqarrija li kont irrillaxxjajt u li naf li jismu Sueliman, wara lid an l-istess Sueleiman tani f'idi biċċa raża tal-cannabis li qalli li tiswa 80 Ewro u li qalli biex inbiegħha kollha jien, meta dan Suleiman telaq 'l hemm, jien għajjatt lil Khalifa ħdejja u urejtu r-raża tal-cannabis u għidtlu li jekk ikun jaf b'xi ħadd li xtaq jixtri r-raża tal-cannabis kellu jgħid lili.'***

16. Ix-xhud ikkonferma din il-parti tal-istqarrija.Barra dan Mohammed Suleiman Abubaker xehed li lill-imputat kien ilu jafu xi ġimgħa. Lill-persuna Spanjola hu qatt ma kien raha qabel. Huwa ma kienx fiehem fuq xi kumpens mal-

imputat jekk l-imputat jibgħat in-nies għall-ħaxixa.  Huwa għaraf lill-imput fl-Awla.

**Difiża**

17. Xehed l-imputat Khalifa Iswesi K Shawish.  Huwa qal li kien ġie għall-vaganza f'Malta. Kien iltaqa' mal-imputat il-Blet u imbagħad saru jiltaqgħu f'Paceville biss.  Kienu joqogħdu ħdejn il-Burger King u Suleiman kien joqgħod għalih u l-imputat kien joqgħod għalih.  Dak in-nhar tal-arrest kienu ltaqgħu Paceville.  L-imputat kellu xi jgħid ma' persuna għaliex din bdiet tmur tbiegħ fejn ikun l-imputat. L_Ispanjol kien mar għand l-imputat tliet darbiet fuq xulxin. Kien hemm anke Marokkina li llitiga magħha għax kien għalxejn tistaqsih għall-ħaxixa.

18. L-imputat xehed lit ant dejquh in-nies jistqasuh għal ħaixix ali meta mar l-Ispanjol huwa bagħtu għand Abubaker.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

19. Mix-xhieda jirriżulta li l-imputat bagħat lill-Ispanjol għand Mohammed Suleiman Abubaker biex l-Ispanjol jixtri l-ħaxixa.  L-imputat jgħid lid an għamlu għax kien iddejjaq bin-nies jistaqsu għall-ħaxixa.

20. Jekk il-Qorti temmen il-verżjoni tal-imputat jibqa' l-fatt li ta informazzjoni minn fejn  wieħed seta' jikseb il-ħaxixa. Id-definizzjoni ta' 'traffikar' li tinsab fl-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 tinkludi wkoll bħala 'traffikar' il-fatt li wieħed jindika lil ħad ieħor minn fejn jixtri d-droga.  Din il-parti tal-Liġi ma tiddistingwix jekk wieħed dejquhx in-nies jew le dwar il-kisba tad-droga u ma toħloq ebda skużanti għal xi persuna jekk din tagħti l-informazzjoni għax dejquk in-nies.  Il-mens rea rikjesta kir-reat xorta tibqa' preżenti ġaladarba konxjament iddiriġejt in-nies għand min jista' jfornihom bid-droga.

21. Min-naħa l-oħra il-Qorti frankament ma temmnux lill-imputat.  Mill-istqarrija tiegħu stess jidher li ma kien xejn

attendibbli. Filfatt meta kien mistoqsi dwar is-sigarett li nstab fir-residenza tiegħu huwa qal:

‘Ngħid li użajnieh jien u ħija u fih biss tabakk u ma fihx ħaxixa.’

22. Ir-riżultati forensiċi urew mod ieħor għaliex f’dan ir-roach instabet it-THC. Isegwi li dak li qal fl-istqarrija l-imputat ma kienx attendibbli.

23. It-tieni raġuni għala ma tistax temmen li l-imputat kien jibgħat in-nies għand Mohammed Suleiman Abubaker huwa minħabba dak li qal hius tess bil-ġurament. Il-Qorti qed tirreferi għal dik il-parti fejn qal li hu u l-imputat kienu joqogħdu ħdajen il-Burger King, wieħed naħa u l-ieħor oħra. Għaliex bdew joqogħdu mifrudin meta dehru li kienu diġa’ saru ħbieb. Kienu jiltaqgħu kemm il-Belt kif ukoll paceville u xi ħaġa flimkien kienu jixorbu. Għalhekk il-Qorti mhix qed tara sens f’din il-firda fl-inħawi tal-Burger King ħlief firda strateġika.

24. It-tielet raġuni kienet ix-xhieda mogħtija mill-Ispanjol li sarlu kontro-eżami sew. Dan fl-ebda ħin ma qal li avvi ċina lill-imputat hu iżda qal li l-imputat kien li avviċinah. Il-verżjoni tal-istudent Spanjol tinħass ħafna aktar attendibbli u jidher li l-inizzjattiva ħadha l-imputat.

25. Ir-raba’ raġuni hija l-Qorti qed tiskanta kif in-nies dejjem kien jmorru jdejqu lill-imputat għal ħaxixa. Possibbli li kulħadd, bla ebda ħjiel ta’ xejn, kien jagħżel lilu minn dawk in-nies kollha biex jieħu d-droga? U dan meta, skond hu stess, kien joqgħod mifrud minn sieħbu.

26. Barra dan, il-fatt li l-imputat ma kellu ebda wegħda ta’ xi gwadann finanzjarju jekk Mohammed Suleiman Abubaker ibigħ id-droga ma jfisser assolutament xejn quddiem il-Liġi għax id-definizzjoni mkien ma tipprospetta xi benefiċċju jew vantaġġ lukrattiv sabiex wieħed jitqies li ttraffika.

27. Mill-provi prodotti, il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-Prosekuzzjoni ppruvat għal kollox l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

28. Il-Prosekuzzjoni ppruvat ukoll it-tieni imputazzjoni – jiġifieri l-pussess tar-raża u dan sar kemm forensikament kif ukoll b'dak li qal l-imputat stess fl-istqarrija tiegħu li kienu 'pejpu s-sigarett hu u ħuh.' F'dan il-każ l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 ma japplikax għax l-ewwel imputazzjoni u t-tieni waħda huma għal kollox distinti.

29. Dwar it-tielet imputazzjoni – jew aħjar l-aggravju tad-distanza – ir-relazzjoni tal-Perit maħtur mill-Qorti tipprova dan l-aggravju b'mod mill-aktar ċar.

**Konklużjoni**

30. Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b) tal-Kap 9, u l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u l-proviso dwar id-distanza li jinsab taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih u tal-aggravju tad-distanza li jidher bħala t-tielet imputazzjoni u qed tikkundannah għall-piena karċerarja ta' disa' xhur li minnha għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €590 liema multa għandha titħallas fi żmien erba' xhur mil-lum u fin-nuqqas tal-ħlas tagħha jew ta' xi parti minnha, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 mhux imħallsa.

31. Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti jiġifieri dawk tal-Perit Alexi Pace li jammontaw għal €338.60 u dawk tax-xjenzat is-sur Godwin Sammut li jammontaw għal €158.30 u li għalhekk jammontaw għal €496.90. Jekk dawn ma jitħallsux fi żmien xahar minn meta r-Reġistratur jibgħat il-kont, dawn jinbidlu fi priġunerija bir-rata ta' jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

32. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------